**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 10 ta' Lulju, 2018

Rikors Nru : 217/16 AL

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-esponenti u CD zzewgu nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta' April tas-sena elf disa' mija tnejn u disghin (1992) gewwa l-Knisja Parrokkjali ta' Ta' Xbiex, certifikat taż-żwieġ esebit, anness u mmarkat Dok 'A';

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Vanessa Pool datat nhar it-tnejn (2) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015), kuntratt esebit, anness u mmarkat Dok 'B';

Illi miz-zwieg ta' bejn il-partijiet twieldu tlett itfal, cioe' E li twieldet fil-hdax ta' Awissu tas-sena elf disgha mija u hamsa u disghin (11.8.1995) u hija maggorenni u ma tistudjax full-time, J li twieldet fil-hdax ta' Marzu tas-sena elfejn (11.3.2000) li ghada minorenni u O li twieled fil-hdax ta' Frar tas-sena elfejn u erbgha (11.2.2004) u li ghadu minorenni;

Illi ebda arretrati ta' manteniment jew manteniment ma huwa dovut u dan ai termini ta' klawzola intestata Manteniment, numru ghaxra (10) (i), pagna tnax (12) u tlettax (13) tal-anness kuntratt ta' separazzjoni;

Illi inoltre l-esponenti jiddikjara l-partijiet kienu ilhom *de facto* separati lura mis-sena elfejn u hamsa (2005) ghalhekk iz-zmien rikjest mill-Ligi ghandu jirrizulta sodisfatt;

Illi inoltre ma' tezizti ebda possibilita ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ghalhekk jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mill-Ligi għall-ħalla taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-żwieġ ta' bejn il-partijiet.
2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien mħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi reġistrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha eccepiet :

ILLI l-esponenti topponi ghat-talbiet tar-rikorrent stante li mhux minnu li li jirrikorru l-kriterji kollha rikjesti mill-Ligi skond l-Artikolu 66B tal-Kap 16 li per konsegwenza ta' liema, dina l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara l-hall taz-zwieg bejn l-partijiet;
ILLI preliminarjament, l-esponenti tissottometti li mhux minnu li l-partijiet ilhom separati *de facto* mis-sena 2005;

ILLI s-segwenti elenku u provi dokumentarji jindikaw fid-dettal episodji wara is-sena 2005 fejn kjarament l- partijiet kienu jghixu hajja familjari flimkien ma l-ulied, familjari u hbieb:

**Sena 2005** Quccija fil-11 ta' Frar 2005 O DOK A
**Sena 2007** L-ewwel Tqarbina tal-minuri J DOK B
**Sena 2011** Safra Garda Land Dok C
**Sena 2011** Safra Ruma ma oht l-esponenti L M D affidavit Dok D ;
**Sena 2011** Engagement party Dr T D Dok E;
**Sena 2012** Confirmation J Dok F u G;
**Sena 2014** Safra Slovenia Dok H

ILLI anness wkoll diversi cards relattivi ghal anniversarju taz-zwieg tal-partijiet ghas-snin 2013, 2014, 2012 u 2009 mibghuta mir-rikorrent lil martu u minn familjari taghha DOK I;

**Sena 2013** Il-partijiet flimkien l-Malta National Aquariuam Dok J
**Sena 2013** Christmas Lunch ghand oht l-esponenti Dok K1 u K2;
**Sena 2008** ittratt tal-partijiet flimkien mal-minuri O Dok L1 u Dok L2 il-familja kollha;

ILLI bla pregudizzju ghas-suespost, l-hall taz-zwieg qed jigi oppost wkoll stante li r-rikorrent qieghed moruz f'obbligi minnu assunti f'Artikolu 10 (ii) tal-kuntratt ta' separazzjoni minnu ippresentat, relattiv ghas-sahha u edukazzjoni, li ghalkemm interpellat mill-esponenti fuq tali bzonnijiet tal-minuri, huwa baqa ma hallasx

Ghaldaqstant in vista tal-premess, l-esponent topponi t-talba tar-rikorrent ghal hall taz-zwieg.

Bl-ispejjez u bir-rizerva ta' kull azzjoni ulterjuri.

Semghet lix-xiehda kollha illi tressqu;

Rat li r-rikors gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrent;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat il-provi li gew prodotti u l-atti kollha ta' dan il-procediment ;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-intimata qed toggezzjona ghall-hall taz-zwieg bejna u bejn ir-rikorrenti peress illi skont hi m'huwiex minnu illi l-partijiet ilhom separati *de facto* mis-sena 2005. Hija tikkontendi wkoll illi r-rikorrenti huwa moruz fl-obbligi minnu assunti minnu fl-Artikolu 10 (ii) tal-kuntratt tas- separazzjoni ffirmat bejniethom relattivament ghas-sahha u edukazzjoni, peress illi, interpellat mill-esponenti fuq tali bzonnijiet tal-minuri, huwa baqa` ma hallasx;

L-intimat xehdet permezz ta' affidavit u l-qorti se tikkoncentra biss fuq il-punti li jikkoncernaw il-mertu ta' dawn il-proceduri, u cioe`, jekk hemmx possibilta` ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, jekk effettivament il-partijiet ilhomx *de facto* separati ghal aktar minn erba` snin minn dawn l-ahhar hames snin u jekk hemmx pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment, ghax huma dawn it-tlett kriterji <u>biss</u> li jridu jigu sodisfatti sabiex il-qorti tkun tista` tippronunzja divorzju bejn il-partijiet u xejn aktar.

Illi l-intimata xehdet ukoll quddiem il-qorti. L-intimata qalet diversi drabi li hija ma riditx id-divorzju ghaliex m'ghandhiex pjanijiet. Aktar tard fix-xiehda taghha, l-intimata ammettiet li zewgha kien ilu ma jorqod fl-istess sodda maghha minn meta t-tifel iz-zghir taghhom O kien ghadu tarbija. Aktar tard ukoll l-intimata xehdet illi l-ahhar darba li kellha x'taqsam sesswalment mar-ragel taghha kien fis-sena 2006. Mistoqsija dwar l-allegazzjoni li ghamlet, fis-sens li r-rikorrenti ma hallshiex tal-manteniment, l-avukat tal-kontraparti fakkritha li meta hija ffirmat il-kuntratt tas-separazzjoni, minflokk manteniment hija hadet id-dar matrimonjali;

Illi sussegwentement kien hemm okkazzjoni ohra meta l-intimata regghet xehdet quddiem il-qorti. Fit-tieni okkazzjoni illi xehdet quddiem il-qorti, li kienet fis-seduta tat-12 ta' Marzu, 2018, l-intimata xehdet li l-ahhar darba li kellha relazzjoni sesswali mar-

rikorrenti kienet fis-sena 2012 u b'hekk il-qorti tistabilixxi allura, illi l-partijiet ilhom certament *de facto* separati ghal sitt snin u ghalhekk dan il-kwezit gie sodisfatt. Gie sodisfatt ukoll il-kwezit li m' hemmx possibilta` ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Dan irrizulta pjenament matul is-smiegh tal-provi. L-intimata kkonfermat ukoll li ma hemm l-ebda kontijiet pendenti, jigifieri m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment dovuti lilha mir-rikorrenti;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti rat illi r-rikorrenti rnexxielu jissodisfa r-rekwiziti kollha rikjesti mill-ligi biex zwieg jigi mahlul u dan peress ir-rikorrenti pprova illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn erba` snin f'dawn l-ahhar hames snin. Huwa pprova wkoll illi huma ilhom legalment separati mit-2 ta' Dicembru tas-sena 2015. Huwa pprova wkoll li m' hemmx possibilta` ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi m'hemmx pendenzi fir-rigward ta' hlas tal-manteniment.

Ghaldaqstant il-Qorti tilqa` t-talbiet u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.